MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 15

**22 ta' Ġunju 2020**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' b'mod virtwali (minħabba l-imxija tal-pandemija covid-19), fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Karl Cutajar – Viċi Sindku
Justin Schembri - Kunsillier
Nancy Aquilina – Kunsillier
Rita Borg - Kunsillier
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Antoine Attard - Kunsillier
Owen Patrick Attard - Kunsillier
Deborah Mifsud - Kunsillier
John Mizzi – Kunsillier
Marie Claire Zammit Bonello – Kunsillier
Francis Pullicino - Kunsillier
Jimmy JM Calleja - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Carmel Attard – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti virtwalment il-Kunsilliera eletti s-Sinjuri Joanne Debono Grech, Justin Schembri, Karl Cutajar, Nancy Aquilina, Rita Borg, Kaylocke Buhagiar, Antoine Attard, Owen Patrick Attard, Deborah Mifsud, John Mizzi, Marie Claire Zammit Bonello, Francis Pullicino u Jimmy JM Calleja.

**15.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

15.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

15.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kienx rċieva ittri ta' apoloġija.

**15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti**

15.2.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 13 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija

15.2.2 Fuq proposta tal-Kunsillier is-Sa. Rita Borg, issekondata mill-Kunsillier is-Sur Jimmy JM Calleja, il-minuti tal-laqgħa numru 13 ġew approvati bħala dokumenti korretti.

15.2.3 Il-minuti tal-laqgħa numru 14 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija

15.2.4 Fuq proposta tal-Kunsillier is-Sa. Marie Claire Zammit Bonello, issekondata mill-Kunsillier is-Sur Francis Pullicino, il-minuti tal-laqgħa numru 14 ġew approvati bħala dokumenti korretti.

***Minħabba l-kwitjoni taż-Zoom u direttiva numru 3, kien hemm ċaqliq fl-aġenda bl-item li jmiss jiġi diskuss kien item 15.10.***

**15.10 *Direttiva 3/2020 Kwestjonarju***

15.10.1 Kien hemm diskussjoni peress li l-Kunsillier is-Sur Justin Schembri qal li kienet qed tinkiser id-direttiva peress li l-laqgħa mhix miftuħa għall-pubbliku minħabba li m'hemmx live streaming. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi għalhekk id-dipartiment nieda kwestjonarju ħalli naraw fejn ħa mmorru minn hawn. Fir-reġjun se jkun hemm Sistema hybrid fejn se jkun hemm membri fl-uffiċċju u membri fuq zoom. Hija talbet lis-Segretarju biex jara jistax isir update taz-zoom biex in-nies ikunu jistgħu jaraw x'ikun għaddej ukoll.

15.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm problema oħra biex isir live stream u dan minħabba li qed tinqala' s-sala tal-Kunsill u qed isir rewiring, xi ħaġa li se tieħu madwar 7 ġimgħat oħra. Hu qal li mill-inqas trid issir il-laqgħa ta' Lulju wkoll biz-zoom. Hu se jkun qed jikteb lid-Dipartiment biex iġib approvazzjoni bil-miktub dwar dan.

15.10.3 Il-Kunsillier is-Sur Justin Schembri qal li hu ma għandux oġġezzjoni li l-laqgħat isiru biz-zoom dment li jkollna l-approvazzjoni bil-miktub mid-Dipartiment u wkoll li l-laqgħa tkun streamed live biex il-pubbliku jkun jista' jsegwiha. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

15.10.4 Il-kwestjonarju dwar is-sitwazzjoni tal-laqgħat u s-sistemi teknoloġiċi użati ġie mwieġeb fejn fost oħrajn kien hemm qbil illi jekk it-teknoloġija tippermetti sistema hybrid, din tkun sitwazzjoni ideali.

**15.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

15.3.1 Is-Sindku s-Sa. Joanne Debono Grech qalet li fuq id-devoluzzjoni u fuq il-ġemellaġġi qed tippressa lid-Dipartiment hi u qed tistenna tweġiba.

15.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bl-innovation fund se jsiru tliet proġetti li b'kollox ilaħħqu 45,000euro. Wieħed huwa lezzjonijiet ta' landscaping miftuħ għar-residenti kollha. Proġett ieħor huwa lezzjonijiet ta' P.R. u se jinxtara vann għall-anzjani. Il-vann biex jinxtara ġdid fjamant jiswa 40,000 euro. Iżda s-segretarju qal li sab wieħed f'kundizzjoni tajba ħafna li jiswa 20,000euro. Jew inkella tnejn b'10,000 –il wieħed. Dawn huma vannijiet li jtellgħu bejn 12 u 14-il anzjan. Il-problema hija li wieħed biss għandna xufier ta' l-iskema. Ġie deċiż li jinħareġ tender għal vann wieħed.

15.3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-vettura li konna xtrajna biex isir bawżer issa spiċċa l-ħtieġa tiegħu għax se noħorġu t-tender tas-soft areas allura kien se jpartu ma' vann biex b'hekk inaqqas vann li jinkera. Fl-istess waqt se jkun qed jara li tinxtara vettura għat-tfajliet li jagħmlu x-xogħol fuq barra.

15.3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li r-reġjun kien se jħallas fondi (384euro) biex il-Kunsill tagħna jiġi msemmi aħjar fil-wikipedia permezz ta' feature. Is-Sindku talbet lill-Kunsillier is-Sur Kaylocke Buhagiar biex jieħu ħsieb imma l-informazzjoni trid tiġi distribwita u approvata jew permezz ta' email lil kulħadd jew fil-laqgħa tal-kunsill.

15.3.4 Is-Sindku s-Sa. Joanne Debono Grech qalet hemm bżonn upgrade tad-dwal fuq Fleur De Lys Gate għax li hemm huwa antik. Hija qabbdet lill-Kunsillier is-Sur Kaylocke Buhagiar biex jiċċekkja mal-kuntrattur x'sistemi nistgħu nagħmlu biex id-dawl ikun aħjar anke meta niġu biex naqilbuh f'xi kulur. Il-Kunsillier is-Sur Justin Schembri irrimarka illi anke d-dwal taħt l-arkati tal-akkwadott ma jaqblux ma xulxin. Is-Sindku qalet li taf bil-problema u qed tara titkellimx ma' xi ħadd responsabbli minnu peress li dak ma jaqax taħt il-Kunsill. Hija qalet ukoll li eventwalment iridu jinbidlu wkoll iċ-ċangaturi għax qed jinqalgħu. Kif ikollha aktar tagħrif ħa terġa' ssemmi din it-tema fil-Kunsill.

15.3.5 Is-Sindku qalet li għandna bżonn konsulent fuq P.R. għax qegħdin lura. Is-Segretarju se joħroġ sejħa għall-offerti u tiġi diskussa fil-Kunsill.

**15.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

15.4.1 Il-Kunsillier Sa. Deborah Mifsud saqsiet dwar l-iskips. Is-Segretarju ma għandux risposta. Huwa qal li probabbli li l-greenpak se jħallu sakemm jagħlaq il-kuntratt qabel ma jneħħuhom. Is-Sindku tablet lis-Segratrju n-numru tal-mobile tas-sidien tal-greenpak ħalli tkellimhom hi li jew ineħħu jew iħallas il-Kunsill biex ineħħihom imbagħad iħallsuna l-greenpak.

15.4.2 Il-Kunsillier is-Sa. Deborah Mifsud qalet li fi triq it-Torri Wejter saru żewġ zebra crosses temporanji għalxejn minħabba l-iżvilupp li qed isir. Apprti minn hekk fetħu d-drenaġġ u ilhom xahar ma jersqu. Hija talbet biex il-crossings jitneħħew. Is-Segretarju Eżekuttiv se jerġa' jsejjaħ laqgħa ma' l-iżviluppatur u l-perit.

15.4.3 Il-Kunsillier is-Sa. Deborah Mifsud qalet li qed jiftħu ħwienet u jagħmlu l-banners u riklami oħra. Is-Sindku qalet li diġà kellmet lill-istaff biex fejn jaraw riklami li ma jkunux ħallsu lill-Kunsill għalihom jitneħħew.

15.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Antoine Attard reġa' saqsa dwar l-open air gym fl-iskola ta' l-Imfetti, però sa issa ma għandniex risposta, wara li s-Segretarju reġa' kiteb lill-Prinċipal. Is-Sindku ħa terġa' tkellem lill-Prinċipal.

Il-ħin 6.40pm il-Kunsillier is-Sur Antoine Attard talab li jiġi skużat.

15.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Francis Pullicino qal illi f'BKR Radio nbidlu xi nies u se jkellem lis-Sur Carmelo Calleja biex jibda x-xandir miftiehem f'laqgħat preċedenti.

15.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Francis Pullicino qal illi Main Street għall-pjazza, il-madum kollu tumbati. Jekk hemmx xi ħsieb għal upgrading. Is-Sindku qalet li xejn għalissa. Dwar infrastuttura hija tkellmet ma' Infrastructure Malta biex tissolva l-problema tal-pavviment ta' Tommaso Dingli.

15.4.7 Il-Kunsillier is-Sur Justin Schembri qal li qed isir studju fi Triq Karm Pirotta u l-kunsilliera ħadd ma jaf b'xejn. Is-Sindku qalet illi daħlet talba għall-immanniġġjar tat-traffiku u meta tkun talba hekk, il-Kunsill jgħaddiha lil Transport Malta. Is-Sur Schembri qal illi kien hemm xi ħaddiema jirranġaw it-tabelli biex ma jinżlux vetturi lejn Triq Toni Wizzini. Is-Sindku qaltlu li kollox se jerġa' lura għal li kien u mhux se jsir tibdil qabel ma nlaqqgħu lir-residenti.

15.4.8 Il-Kunsillier is-Sur Justin Schembri saqsa dwar ir-rapporti annwali tal-Kunsilliera. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn jinsabu l-Kunsill u min jixtieq jarahom jista' jmur jarahom.

15.4.9 Il-Kunsillier is-Sur Justin Schembri staqsa għaliex tneħħew żewġ disabled parkings wieħed fi Triq Vitorja u fi Triq Bażarru. Is-Sindku qalet li fi Triq Vitorja dan tneħħa għax min hu diġa' għandu garaxx u neħħewh Transport Malta. Fi Sqaq Bażarru din se ssir faċċata ta' fejn kienet.

15.4.10 Il-Kunsillier is-Sur Kaylocke Buhagiar qal li rridu norganizzaw il-laqgħa annwali. Kien hemm diskussjoni dwar id-data. Is-Sindku s-Sa Joanne Debono Grech qalet li din is-sena, skont il-liġi, irridu nagħmlu tnejn. L-avviż jintbagħat għand kull resident u jrid isir avviż fil-gazzetta tal-Gvern. Id-data maqbula bejn kulħadd hija s-26 ta' Awwissu fil-5pm.

**15.5 Revoka ta' riżenja tas-Segretarju Eżekuttiv**

15.5.1 Is-Segretarju qal li kien qed jirrevoka l-avviż li kien ta tar-riżenja tiegħu u se jibqa' fil-kariga. Kien hemm qbil li din ir-revoka tkun aċċettata.

**15.6 Approvazzjoni ta' Performance Bonus ta' M.Mifsud, Seg Eżek, Kumitat Amministrattiv Swatar**

15.6.1 Is-Segretarju qal li is-Sur Michael Mifsud li kien Segretarju Eżekuttiv tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar qatt ma ħa l-bonus ta' l-4 xhur li ħadem fl-2019 sakemm sfaxxa l-kumitat. Aħna nħallsu nofs l-4 xhur u l-Imsida jħallsu n-nofs l-ieħor. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**15.7 Greenpak feedback**

15.7.1 (Ara 15.4.1)

**15.8 Pedestrian Public Spaces**

15.8.1 Il-Kunsillier is-Sur Kaylocke Buhagiar irrapporta illi flimkien mal-Kunsillier is-Sa. Marie Claire Zammit Bonello attendew għal laqgħa dwar is-suġġett fejn ġew mitluba jagħżlu triq li tingħalaq meta jkun irid il-Kunsill. Iż-żewġ kunsilliera qablu flimkien fuq Triq l-Imsida minn pompa tal-petrol sa pompa oħra (dawn jibqgħu jistgħu jiġu aċċessati). Issa l-Kunsill irid iqabbad perit li jitħallas mir-reġjun biex jagħmel studju dettaljat tat-triq. Kien hemm qbil u se jinbeda l-proċess fuq Triq l-Imsida biex din tingħalaq f'xi Ħdud u jsiru rakkomandazzjonijiet oħra fosthom li jitranġaw il-bankini u t-tarmak.

Il-ħin is-7pm. Il-Kunsillier is-Sa. Deborah Mifsud ġiet skużata mil-laqgħa.

**15.9 EPOS BOV**

15.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv talab illi l-Kunsill jikkonsidra sistema ta' epos ħalli min jiġi jħallas ikun jista' jħallas bil-card. Dan intalab mid-Dipartiment. Ovvjament hemm charges tal-bank. Is-Segretarju personalment qal li ma jaqbilx magħha minħabba f'hekk. Kien hemm diskussjoni fejn kien hemm qbil illi ndaħħlu l-EPOS bħala prova.

**15.10 *Direttiva 3/2020 Kwestjonarju***

15.10.1 (Ara fuq)

**15.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 12/8 u *Petty Cash 12/8***

15.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda tal-pagamanti u petty cash. Rigward l-iskeda tal-pagamenti, din ġiet approvata fuq mozzjoni mill-Viċi Sindku s-Sur Karl Cutajar issekondata mill-Kunsillier is-Sur Patrick Owen Attard. Rigward il-petty cash, din ġiet approvata wara mozzjoni mill-kunsillier is-Sur Jimmy JM Calleja sskondat mill-Viċi Sindku s-Sur Karl Cutajar. Ma kienx hemm oġġezzjonijiet u ġew approvati b'mod unanimu.

**15.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

15.12 Il-laqgħa ntemmet fis-7.20pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 27 ta' Lulju fis-6pm

Konfermati, illum 27 ta' Lulju 2020.

IFFIRMATI

| | |
|---|---|
| Joanne Debono Grech | Carmel Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |